# *FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*
# *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.*

## *Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju, 2002*

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1402/02 EG**

**Rimus & Co Limited**

**vs**

**Emmanuel sive Noel Zammit**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm108.28c) rappresentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz kontra l-konvenut u bl-imghax mis-17 ta' Lulju 2001, li hija data tal-konsenja.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Paul Farrugia ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm108.28c) bl-imghaxijiet mis-17 ta' Lulju 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**